



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Novembru 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0138(COD)

14401/19
ADD 1

TRANS 548
CODEC 1665

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 13984/19	
Nru dok. Cion: 9075/18	
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmxexxu 'l quddiem it-twettiq tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport – Approċċ ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, li għandha tiddaħħal fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjoni, Enerġija) li ser issir fit-2 ta' Diċembru 2019.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

**li għandha tiddaħħal fil-minuti tal-laqgħa fl-okkażjoni tal-adozzjoni tal-approċċ ġenerali
dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-
razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmxexxu 'l quddiem it-tweqqif tan-netwerk trans-Ewropew tat-
trasport mill-Kunsill Trasport**

Il-Ġermanja tassumi li d-dispożizzjonijiet dwar l-aċċellerazzjoni tal-proċedura li jinsabu fil-proposta attwali għandhom biss fil-mira tagħhom l-iżvolġiment tal-proċedura u l-organizzazzjoni formali tal-proċedura u huma mingħajr preġudizzju għall-kriterji sostantivi tal-evalwazzjoni li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tal-liġi sostantiva.

Il-Ġermanja tassumi, b'mod partikolari, li l-limitu ta' żmien ta' erba' snin għall-proċedura ta' għoti ta' awtorizzazzjoni, previst fl-Artikolu 6(1) tal-abbozz tal-approċċ ġenerali, la jista' jitqies li jirrikjedi u lanqas jista' jintuża biex jiġġustifika xi limitazzjoni sostantiva tal-ambitu tal-evalwazzjoni fir-rigward tal-protezzjoni tal-ambjent jew tnaqqis tal-kriterji tal-evalwazzjoni fir-rigward tal-protezzjoni tal-ambjent, la fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva fil-liġi nazzjonali u lanqas fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali f'konformità mad-Direttiva.
